TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

CCT/42/16/S

Edmond u Victoria konjugi Farrugia
Vs
Malcolm Galdes

Illum 9 ta'Gunju,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta'Edmond u Victoria konjugi Farrugia pprezentata fis-17 ta'Frar,2016 u r-risposta ta' Malcolm Galdes ipprezentata fis-7 ta'Marzu,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fis-seduta tal-21 t'April,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'mobile' li wara sena u tlitt xhur minn meta inxtara, kellu problemi ta' "reception". Min-naha tieghu l-intimat ghadda l-'mobile' lit-'technician' li kkonferma li l-antenna tal-'mobile' kienet marret minhabba daqqa li setghet tidher fuq l-apparat innifsu;

Illi jinghad mal-ewwel li l-'mobile' hadem tajjeb ghal sena u tlitt xhur u kien biss wara tali perjodu li bdew l-ilmenti mir-rikorrenti fuq 'reception';

Illi l-intimat ipprezenta ritratt mar-risposta tieghu li turi li l-'mobile' ha daqqa fejn hemm l-antenna tal-'mobile';

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu zewg verzjonijiet konfliggenti;

Illi mill-provi mressqa quddiem dan it-Tribunal, jidher li din id-daqqa kienet il-kawza tal-ilmenti fuq 'reception' u mhux xi difett li seta' kellu l-istess 'mobile';

Illi ghandu jittiehed in kunsiderazzjoni it-trapass taz-zmien minn mindu l-oggett inxtara u meta sar l-ewwel ilment mir-rikorrenti;

Illi dan it-Tribunal hu tal-fehma li tenut kont dak fuq inghad, inkluz izda mhux biss, tat-trapass taz-zmien mix-xiri tal-oggett, it-talba tar-rikorrenti ghar-rifuzjoni tal-prezz kollu, ma tistax tintlaqa';

Illi inoltre dan, it-Tribunal hu tal-fehma li l-hsara li kellu l-'mobile' hi probabbilment b'kawza tad-daqqa li ha u li tidher fir-ritratt anness mar-risposta tal-intimat;

Illi r-rikorrenti seta' gabar u ghandu jigbor il-'mobile' tieghu minghand l-intimat specjalment wara li l-istess intimat biddel il-'motherboard' minghajr spejjez;

Ghaldaqstant wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba tar-rikorrenti Edmond u Victoria konjugi Farrugia filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat Malcolm Galdes, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru